MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 279/2012

**Victoria Muscat**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistsru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Marzu li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti twieldet f'Tas-Sliema fil-15 ta' Frar 1954 u ngħatat l-isem ta' 'Victoria' hekk kif muri fl-Att tat-Twelid maħruġ mid-direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta bin-numru progressiv t'iskrizzjoni elf tmien mija u ħamsa tal-erbgħa u ħamsin (1805/54) anness u mmarkat bħala Dok A.

Illi meta marret tagħmel passaport ġdid, jiġifieri dak biometriku, dan ħareġ bl-isem ta' 'Vitoria' u meta oġġezzjonat għal dan l-isem, l-uffiċjali tal-uffiċju tal-passaporti nfurmawha illi ċ-ċertifikat tat-twelid kien hekk.

Illi għalhekk fis-17 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti marret tindaga u ġabret ċertfikat tat-twelid ġdid.

Illi allavolja dan iċ-ċertifikat kien maħruġ mill-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku bl-istess numru progressiv t'iskrizzjoni elf tmien mija u ħamsa tal-erbgħa u ħamsin (1805/54) ikkonfermat li isimha kien nbidel għal 'Vitoria'. Kopja ta' dan iċ-ċertifikat huwa anness u mmarkat bħala Dok B.

Illi sa minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kienet imsejħa bħala 'Victoria' u fil-fatt anke ċ-ċertifikat tal-preċett maħruġ fit-12 ta' Mejju 1962 kellu dan l-isem hekk kif muri f'kopja tal-istess ċertifikat anness u mmarkat bħala Dok C.

Illi l-karta tal-identita' tagħha dejjem kienet turi l-isem 'Victoria'.

Illi ċ-ċertifikat mediku tat-tilqim tar-rikorrenti, kopja tiegħu anness u ndikat bħala Dok D, immarkat kemm fl-1968 u anke f'1973 juri l-isem 'Victoria'.

Illi l-ewwel liċenzja tas-sewqan maħruġa fit-3 ta' Frar 1983, li kopja tagħha hija annessa u mmarkata bħala Dok E, kienet turi l-isem 'Victoria'.

Illi ċ-ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tas-Siġurta' Soċjali bin-numru A 231637-59 tar-rikorrenti, li kopja tiegħu hija annessa u mmarkata bħala Dok F jġib l-isem ta' 'Victoria'

Illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 9/1982, bejn ir-rikorrenti u George Muscat juri l-isem 'Victoria' kif muri f'kopja annessa u mmarkata bħala Dok G .

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' Veronique li tiġi bint ir-rikorretni mwielda fis-7 ta' Ġunju 1984, li kopja tiegħu hija annessa

u mmarkata bħala Dok H, juri l-isem tar-rikorrenti bħala ‘Victoria’.

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid ta’ James li jiġi iben ir-rikorrenti mwieled fis-17 ta’ Novembru 1986, li kopja tiegħu hija annessa u mmarkata bħala Dok I, juri l-isem tar-rikorrenti bħala ‘Victoria’.

Illi VISA maħruġa f’isem ir-rikorrenti fis-16 ta’ Lulju 1998 li kopja tagħha hija annessa u mmarkata bħala Dok J, turi l-isem ‘Victoria’.

Illi l-aħħar karta tal-identita’ tagħha bin-numru 180554(M) maħruġa 23 ta’ Mejju 2002 u l-aħħar liċenzja tas-sewqan maħruġa fis-16 ta’ Frar 2003, it-tnejn jġibu l-isem ‘Victoria’ u għalhekk huwa fatt illi l-istat ta’ Malta jaf ir-rikorrenti bħala ‘Victoria’. Kopja ta’ dawn hija annessa u mmarkata bħala Dok K.

Illi kull Att u kuntratt pubbliku u kwalunkwe tranżazzjoni bankarja tar-rikorrenti u proċeduri ta’ taħriġ u xogħol, kollha jġibu l-isem tar-rikorrenti bħala ‘Victoria’.

Illi l-ewwel passaport tar-rikorrenti maħruġ fit-12 ta’ Ġunju 1970, it-tieni passaport tar-rikorrenti maħruġ fil-11 ta’ Settembru 1980 u t-tielet passaport maħruġ fil-31 ta’ Jannar 1992 kollha jġibu l-isem ‘Victoria’. Kopji ta’ dawn huma annessi u mmarkati bħala Dok L1, Dok L2, u Dok L3 rispettivament.

Illi l-aħħar passaport tar-rikorrenti jġib l-isem ‘Vitoria’ hekk kif muri fil-kopja tiegħu annessa u mmarkata bħala Dok M.

Illi kull darba li r-rikorrenti talbet il-ħruġ tad-dokumenti hawn fuq indikati, kellha tipprovdi ċertifikat tat-twelid oriġinali, li sa dawk id-dati dejjem inħareġ bl-isem ‘Victoria’.

Illi dawn il-fatti huma konfermati f’affidavits tar-rikorretni u l-familjari tagħha li huma annessi u mmmarkati bħala Dok N, Dok O u Dok P hekk kif jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi peress illi hemm diskrepanza, żball jew varjazzjoni fl-Atti tat-twelid maħruġin mill-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-1975 u f'2012 u allvolja mitlub jikkoreġi dan l-iżball, dan baqa' inadempjenti, għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha in vista tal-premess:

1. Tiddikjara illi hemm il-ħtieġa li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru 1805/1954 fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm miktub 'isem il-wild', jerga jitpoġġa l-isem Victoria kif kien oriġinalment.

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fil-kolonna ntitolata 'isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarija għandha tiġi msejħa', flok 'Vitoria' jerġa' jitniżżel 'Victoria'.

3. Tordna u tawtorizza li l-istess intimat jinforma lil kull entita oħra biex kull dokument jew Att ieħor relattiv u / jew sussegwenti, jkollu l-isem Victoria, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżentata fit-23 ta' April 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u mill-att ta' twelid (hawn anness u mmakat

bħala Dok. A) li jġib in-numru ta’ reġistrazzjoni 1805/54 kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

3. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mill-Qorti msemmija fl-ewwel talba fir-rikors ġuramentat għandha, diversament minn dak indikat mir-rikorrenti, tkun fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem ‘Victoria’ u mhux ‘Vitoria’ kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħha u dan abbażi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

5. Illi bla ħsara għal premess it-tielet talba attriċi hija insostenibbli. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompitenti biss fir-rigward tal-atti ċivili u mhux l-atti kollha tal-ħajja tal-istat ċivili tar-rikorrenti. Fit-tieni lok għaliex skond l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

6. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Joseph Cassar, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-munru ta’ iskrizzjoni 1805 tas-sena 1954 (Dok. A) u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ġunju 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi kif huwa dejjem kitbet isimha u ssejħet ***Victoria*** u mhux ***Vitoria***. Jidher pero’ li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m’għandux ibati spejjeż. It-tielet talba pero’ ma tistax tiġi milqugħa kif sewwa eċċepixxa l-konvenut fil-ħames eċċezzjoni tiegħu.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet attriċi kif dedotti, iżda tiċħad it-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu sopportati mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------